MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2014

Numru. 859/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**JEFFREY CASSAR**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JEFFREY CASSAR,** ta’ 30 sena, iben Emanuel u Nathalie nee’ Bugeja, imwieled l-Pieta’ nhar il-25 ta’ Mejju 1984, u residenti gewwa fond nru 77, ‘Andrea’, Triq J Quintinos, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 258584(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli b’diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, gewwa Luna Hotel sitwata fi Triq il-Marfa, il-Mellieha:

1. Talli nhar il-15 ta’ Awwissu 2014, ghal habta tal-4:45 ta’ wara nofs in-nhar minn gewwa l-Luna Hotel sitwata fi Triq il-Marfa, il-Mellieha, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u dan ghad-dannu tal-kumpanija Bodesr Ltd, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz.

2. U aktar talli nhar it-8 ta’ Settembru 2014 ghal habta tas-6:30 ta’ filghaxija, flimkien ma’ persuna ohra, minn gewwa l-Luna Hotel, sitwata fi Triq il-Marfa l-Mellieha ikkommetta serq ta’ flus kontanti, ghad-dannu tal-kumpanija Bodesr Ltd, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-vjolenza u bil-mezz.

3. U akkuzat ukoll talli nhar it-8 ta’ Settembru 2014 ghal habta tas-6:30 ta’ filghaxija, flimkien ma’ persuna ohra, min gewwa l-Luna Hotel, sitwata fi Triq il-Marfa, l-Mellieha ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cio diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tisskorrix l-valur ta’ 1,164.69 ewro izda tiskorri l-valur ta’ 116.47 ewro ghad-dannu tal-kumpanija Bodesr Ltd.

4. Akkuzat lil Jeffrey Cassar talli fid-dati u hinijiet imsemmija qabel kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr C Stafrace Zammit LLD nhar il-15 ta' Ottubru, 2012, il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr T Micallef Trigona LLD nhar it-13 ta' Novembru, 2012 kif ukoll il-kundizzjonijiet moghtija lilu Dr Michael Mallia LLD nhar is-17 ta' Dicembru, 2013.

5. Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Jeffrey Cassar bhala recidiv, b'sentenzi li huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Settembru, 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u fedina penali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hdax (11) ta' Settembru 2014 ghall-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi u fil-konfront tar-raba' akkuza jeccepixxi n-nebis in idem b'sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Marzu 2014 fil-konfront tad-digriet moghti lilu mill-Magistrat Stafrace Zammit u l-Magistrat Micallef Trigona, filwaqt li rregistra ammissjoni fir-rigward tal-parti tal-ksur tad-digriet moghti mill-Imhallef Mallia. Ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hdax (11) ta' Settembru 2014.

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat ai fini tar-raba' (4) talba, l-imputat diga' affaccja akkuzi quddiem din il-Qorti fejn instab hati b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' Marzu 2014 fejn l-ammonti ta' garanziji hemm moghtija gja gew konfiskati favur il-Gvern.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l- Artikoli 49, 50, 261 (a)(b)(c), 289, 325(b) u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat JEFFREY CASSAR hati tal-akkuzi kollha salv ghar-raba' akkuza fil-konfront fejn gie akkuzat li kiser il-kundizzjoni tal-liberta' provizorja mposta lilu mill-Qorti tal-Magistrat preseduta mill-Magistrat Dr C. Stafrace Zammit u Magistrat Dr T. Micallef Trigona, mil-liema akkuza l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni stante li l-imputat kien diga' gie gudikat u tikkundannah dwar il-kumplament tal-akkuzi piena karcerarja ta' sena effettiva.**

**Tordna illi dwar it-talba sabiex l-imputat jitlef il-garanziji moghtija mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Dicembru 2013, illi tali garanziji jigu konfiskati u mghoddija lill-Gvern ta' Malta.**

**<u>Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jesegwixxi tali konfiska.</u>**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------